# IS-SUR NIN CREMONA

Ta' E.S. Tonna

Sirt midħla tas-sur Nin Cremona fir-rebbiegħa tal-1957. It-tnejn konna npoġġu għand 'Ta' Londra', il-Furjana, iżda fuq imwejjed differenti għax ma konniex għandna midħla ta' xulxin. Konna nafu wieħed lill-ieħor mill-wiċċ, iżda qat ma kelli x-xorti li nkellmu.

Darba ltqajna fil-bieb tal-ħanut u jiena offrejtlu tè. Huwa laqa' l-istedina tiegħi u għall-ewwel darba poġġejna flimkien fuq l-istess mejda. Minn dakinhar tnisslet bejnietna ħbiberija sinċiera u li żammejnieha għal dejjem.

Meta sirt naf lis-sur Nin mill-qrib bdejt ngħodd ruħi tassew ixxurtjat li sirt midħla ta' bniedem hekk kbir fl-umiltà u fil-għerf. Kien jaf l-istorja tal-Furjana fuq ponot subajgħ kellu memorja ta' l-għaġeb u meta kien jibda jirrakkonta ma kien jieqaf qatt. Meta konna nħallu lil xulxin dejjem kont immur id-dar b'xi ħaġa ġdida f'moħħi.

Darba wrejtu l-gazzetta 'Il-Furjana' – Leħen il-Fsobians – u ħajjartu jikteb fiha dak li kien jirrakkuntali. Ma ħasibhiex darbtejn u minnufih beda jikteb u dam jikteb għaxar snin – mill-1957 sal-1967. Fl-istess gazzetta tana l-*Istorja ta' l-Isptar Ċentrali; l-Ospiżju tal-Furjana; Malta fl-1887 – Impressjonijiet ta' Kittieb Ingliż; Il-Knisja ta' Sarria* u *l-Furjana fi Żmien il-Gwerra.* Min għandu l-gazzetta 'Il-Furjana' li ħarġet matul dawk l-għaxar snin, għandu tassew teżor ta' kitba tas-sur Nin.

Il-ħbiberija tagħna ħajjritu jibda jasal sal-Fsobians Club u hemmhekk saru jafuh ukoll bosta ħbieb oħra tiegħi. Kien jieħu tè u 'toast', jaqra xi gazzetta, jisma' l-Aħbarijiet ta' fuq it-Television u fl-aħħar jerħilha jirrakkonta bl-akbar għaxqa.

F'qasir żmien sar wieħed minna u wkoll fil-qilla tax-xitwa ma kienx jonqos li jiġi fostna. Fis-sajf konna npoġġu fuq il-Fosos u kien iħallini biex imur jagħmel xi 'vista' fil-Knisja. Darba fost l-oħrajn ma tfaċċax aktar u ħadna ħsiebu. Mort infittxu għand 'Ta' Londra' u għand Charlie tas-Central Bar. Qaluli li kien mar Għawdex għal xi żmien, iżda ta' spiss kien jibgħat iselli għalija ma wieħed pulizija Għawdxi.

Kelli għax immur Għawdex u mort infittxu. Sibtu Marsalforn. Qalli li kien bi ħsiebu jibqa' Għawdex man-neputija. Ħadna xi ħaġa flimkien u morna dawra bil-karozza u mbagħad wassaltu lura. Indunajt li s-sur Nin ma kienx dak li kien. Kull meta kont immur Għawdex dejjem kont immur infittxu. L-aħħar li ltqajna kien il-Ħadd, 24 t'Ottubru, 1971 għal ħabta tas-sitta ta' fil-għaxija. Fittixtu ma' kullimkien; fl-aħħar sibtu fil-Knis-

ja fi Pjazza Sabina. Stennejtu joħroġ. Feraħ bija wara li għarafni. Staqsieni għall-ħbieb. Iżda għalija ma kienx is-sur Nin tas-soltu. Indunajt li kien naqas ġmielu – iż-żmien kien għamel bih. Sellimtlu u f'qalbi ħassejt li dik kienet l-aħħar tislima tiegħi.

Xtaqt li tkellimt meta kien ġie nieqes il-Poeta Nazzjonali, biex l-istess ħatra tiġi mogħtija lis-sur Nin. Iżda qalb il-Malti kultant hija ftit xierfa; biss is-sur Nin ħalla lil Malta monument ħaj, minqux fil-qlub kollha ta' dawk li kienu jafuh u fl-imħuħ ta' dawk kollha li qed jinqdew bl-orotgrafija li huwa kien fassal u li biha stagħniet u tkompli tistagħna il-Letteratura Maltija.

## NINU CREMONA

ta' Mons. Anton Gauci

Kont niltaqa' miegħu ta' spiss, it-Tokk inkella ħdejn id-dar tiegħu li ma hix 'l bogħod minn fejn noqgħod jien. Id-diskors tagħna kien kważi dejjem fuq il-letteratura jew l-istorja ta' pajjiżna, żewġ materji li fihom il-menti ta' dan l-istudjuż Għawdxi baqgħet ċara ħafna sal-aħħar. Qatt ma nnotajt f'Ninu l-iċken sinjal ta' preżunzjoni f'dak li konna nkunu niddiskutu: dejjem sibtu lest biex jagħti, lill-fehmiet li ma jkunux jaqblu għal kollox ma' tiegħu, kull rispett u konsiderazzjoni. Kien ta' sentimenti tabilħaqq nobbli. Kellu kważi ħamsin sena aktar minni, iżda qatt ma ddejjaqt ngħaddi siegħa miegħu – għax Ninu Cremona kellu materjal biżżejjed biex iżomm il-konversazzjoni ħajja u interessanti. Kont infittex u napprezza sew il-veduti u l-osservazzjonijiet tiegħu fuq xi poeżija tiegħi li ġie li ressaqtlu għall-kritika tiegħu. Fil-mewt ta' Ninu, Għawdex tilef wieħed mill-ulied kbar tiegħu, u l-kawża tal-Malti wieħed mill-aqwa kampjuni li kellha f'dan is-seklu tagħna.